IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2019
COM(2019) 636 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Amministrattiv għall-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR fir-rigward tal-proposta biex tiġi emendata l-Konvenzjoni

FAJL MEHMUŻ

EMENDI GĦALL-KONVENZJONI DOGANALI DWAR IT-TRASPORT INTERNAZZJONALI TA' OĠĠETTI LI JAQGĦU TAĦT IL-CARNETS TIR (IL-KONVENZJONI TIR TAL-1975)

A. Emendi għall-Konvenzjoni TIR

1. Paragrafu (s) ġdid f'Artikolu 1

(s) It-terminu "proċedura eTIR" għandu jfisser il-proċedura TIR, implimentat permezz ta' skambju elettroniku ta' *data*, li jipprovdi l-ekwivalenti funzjonali għall-Carnet TIR. Billi japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni TIR, l-ispeċifiċitajiet tal-proċedura eTIR huma definiti fl-Anness 11.

1bis. Artikolu 3(b)

(b) l-operazzjonijiet tat-trasport għandhom ikunu garantiti mill-assoċjazzjonijiet awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6. Dawn iridu jitwettqu taħt kopertura ta' Carnet TIR, li għandu jkun konformi mal-mudell riprodott fl-Anness 1 ta' din il-Konvenzjoni jew jitwettqu permezz tal-proċedura eTIR.

2. Artikolu 43

In-Noti ta' Spjegazzjoni stabbiliti fl-Anness 6, fil-Parti III tal-Anness 7, u fil-Parti II tal-Anness 11 jinterpretaw ċerti dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u tal-Annessi tagħha. Huma jiddeskrivu wkoll ċerti prattiki rakkomandati.

3. Kwart ġdid tal-Artikolu 58

Għandu jiġi stabbilit Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni. Il-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u r-regoli ta' proċedura tiegħu ġew stabbiliti fl-Anness 11.

4. Artikolu 59

1. Din il-Konvenzjoni, inkluż l-Annessi tagħha, tista' tiġi emendata fuq proposta ta' Parti Kontraenti permezz tal-proċedura speċifikata f'dan l-Artikolu.

2. Ħlief kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 60 bis, kwalunkwe emenda proposta għal din il-Konvenzjoni għandha titqies mill-Kumitat Amministrattiv magħmul mill-Partijiet Kontraenti kollha skont ir-regoli ta' proċedura stabbiliti fl-Anness 8. Kwalunkwe emenda bħal din meqjusa jew ippreparata matul il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv u adottata minnu b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvotaw għandha tkun ikkomunikata mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonjiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-aċċettazzjoni tagħhom.

3. Ħlief kif inhu pprovdut fl-Artikoli 60 u 60 bis, kwalunkwe emenda proposta li ġiet ikkomunikata skont il-paragrafu preċedenti għandha tidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Partijiet Kontraenti kollha tliet xhur wara l-iskadenza ta' perjodu

ta' tnax-il xahar wara d-data ta' komunikazzjoni tal-emenda proposta, u meta matul dan il-perjodu ma tkun ġiet ikkomunikata l-ebda oġġezzjoni għall-emenda proposta lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonjiet Uniti minn Stat li huwa Parti Kontraenti.

4. Jekk, skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tkun ġiet ikkomunikata oġġezzjoni għall-emenda proposta, għandu jitqies li l-emenda ma ġietx aċċettata u m'għandu jkollha l-ebda effett.

5. Artikolu 60 bis ġdid

Proċedura speċjali għad-dħul fis-seħħ tal-Anness 11 u l-emendi tiegħu

1. L-Anness 11, ikkunsidrat skont il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 59 għandu jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Partijiet Kontraenti kollha tliet xhur wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tnax-il xahar wara d-data ta' komunikazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti, ħlief għal dawk il-Partijiet Kontraenti li nnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali bil-miktub, matul il-perjodu msemmi qabel ta' tliet xhur dwar in-nonaċċettazzjoni tagħhom tal-Anness 11. L-Anness 11 għandu jidħol fis-seħħ għall-Partijiet Kontraenti li jirtiraw in-notifika tagħhom ta' nonaċċettazzjoni sitt xhur wara d-data li fiha d-depożitarju jkun irċieva l-irtirar ta' din in-notifika.

2. Kwalunkwe emenda proposta għall-Anness 11 għandha tiġi kkunsidrata mill-Kumitat Amministrattiv. Dawn l-emendi għandhom jiġu adottati mill-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 preżenti u li jivvutaw.

3. L-emendi għall-Anness 11 li jkunu kkunsidrati u adottati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-informazzjoni jew, għal dawk il-Partijiet Kontraenti li huma marbuta bl-Anness 11, għall-aċċettazzjoni.

4. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi għandha tiġi determinata fiż-żmien tal-adozzjoni tagħhom, b'maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 preżenti u li jivvutaw.

5. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu sakemm f'xi data qabel, determinata fiż-żmien tal-adozzjoni, ma jkunx hemm kwint inkella ħamsa mill-Istati li huma Partijiet Kontraenti marbutin bl-Anness 11, skont liema numru jkun inqas, li jinnotifikaw lis-Segretarju Ġenerali dwar l-oġġezzjoni tagħhom għall-emendi.

6. Mad-dħul fis-seħħ, kwalunkwe emenda adottata skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandha għall-Partijiet Kontraenti kollha marbuta bl-Anness 11 tissostitwixxi u tieħu post kwalunkwe dispożizzjoni preċedenti li għaliha tirreferi l-emenda.

6. Artikolu 61

Is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għandu jinforma lill-Partijiet Kontraenti kollha u lill-Istati kollha msemmija f'paragrafu 1 tal-Artikolu 52 ta' din il-Konvenzjoni dwar kwalunkwe talba, komunikazzjoni, jew oġġezzjoni skont l-Artikoli 59, 60 u 60 bis hawn fuq u dwar id-data li fiha kwalunkwe emenda tidħol fis-seħħ.

7. Subparagrafu ġdid (xi) fil-paragrafu 3 tal-Parti I tal-Anness 9

(xi) jikkonferma, fil-każ ta' proċedura alternattiva deskritta fil-paragrafu 2 tal-Anness 11 tal-Artikolu 10, għall-Partijiet Kontraenti marbutin bl-Anness 11, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, li l-garanzija hija valida, li trasport TIR jitwettaq skont il-proċedura eTIR u jipprovdi informazzjoni oħra rilevanti għat-trasport TIR.

B. Anness 11 - Il-proċedura eTIR

1. Parti I

Artikolu 1
Kamp ta' applikazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet f'dan l-Anness jirregolaw l-implimentazzjoni tal-proċedura eTIR kif definita f'paragrafu (s) tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni u għandhom japplikaw fir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet Kontraenti marbuta b'dan l-Anness, kif previst f'paragrafu 1 tal-Artikolu 60 bis.

2. Il-proċedura eTIR ma tistax tintuża għal trasporti li jseħħu parzjalment fit-territorju ta' Parti Kontraenti, li mhijiex marbuta bl-Anness 11 u li hija Stat Membru ta' unjoni doganali jew ekonomika b'territorju doganali wieħed.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness:

(a) It-terminu "sistema internazzjonali eTIR" għandu jfisser is-sistema tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) ippjanata biex tippermetti l-iskambju ta' informazzjoni elettronika bejn il-parteċipanti involuti fil-proċedura eTIR.

(b) It-terminu "speċifikazzjonijiet eTIR" għandu jfisser l-ispeċifikazzjonijiet konċettwali, funzjonali u tekniċi tal-proċedura eTIR adottata u emendata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.

(c) It-terminu "*data* TIR bil-quddiem" għandu jfisser id-dejta ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq, skont l-ispeċifikazzjonijiet eTIR, dwar l-intenzjoni tad-detentur li jqiegħed oġġetti skont il-proċedura eTIR.

(d) It-terminu "*data* dwar emendi bil-quddiem" għandu jfisser id-dejta ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li fih tkun mitluba emenda għad-dejta tad-dikjarazzjoni, skont l-ispeċifikazzjonijiet eTIR, dwar l-intenzjoni tad-detentur li jemenda d-*data* tad-dikjarazzjoni.

(e) It-terminu "*data* tad-dikjarazzjoni" għandu jfisser id-*data* TIR bil-quddiem u d-*data* dwar emendi bil-quddiem li ġew aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti.

(f) It-terminu "dikjarazzjoni" għandu jfisser l-att li bih id-detentur, jew ir-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jindika, skont l-ispeċifikazzjonijiet eTIR, l-intenzjoni li l-merkanzija titqiegħed skont il-proċedura eTIR. Mill-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ibbażata fuq id-*data* TIR bil-quddiem jew fuq id-*data* dwar emendi bil-quddiem, u t-trasferiment tad-*data* tad-dikjarazzjoni fis-sistema internazzjonali eTIR, dan għandu jikkostitwixxi l-ekwivalenti legali ta' Carnet TIR aċċettat.

(g) It-terminu "dokument ta' akkumpanjament" għandu jfisser id-dokument stampat, iġġenerat b'mod elettroniku mis-sistema doganali, wara l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni, b'konformità mal-linji gwida li jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi eTIR. Id-dokument ta' akkumpanjament jista' jintuża biex jirreġistra inċidenti waqt ir-rotta u jieħu post ir-rapport iċċertifikat skont l-Artikolu 25 ta' din il-Konvenzjoni u għall-proċedura alternattiva.

(h) It-terminu "awtentikazzjoni" għandu jfisser proċess elettroniku li jippermetti l-identifikazzjoni elettronika ta' persuna fiżika jew ġuridika, jew l-oriġini u l-integrità ta' *data* f'forma elettronika li għandha tiġi kkonfermata.

Noti ta' Spjegazzjoni għall-Artikolu 2 (h)

11.2 (h)-1 Sakemm ikun ġie stabbilit u deskritt approċċ armonizzat fl-ispeċifikazzjonijiet eTIR, il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 jistgħu jawtentikaw lid-detentur bi kwalunkwe proċess previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, inklużi l-isem/il-password tal-utent jew firem elettroniċi, iżda mhux limitati għalihom.

11.2. (h)-2 L-integrità tad-*data* skambjata bejn is-sistema internazzjonali eTIR u l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll l-awtentikazzjoni tas-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) sejrin jiġu żgurati permezz ta' konnessjonijiet siguri, kif definit fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi eTIR.

Artikolu 3
Implimentazzjoni tal-proċedura eTIR

1. Il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 għandhom jgħaqqdu s-sistemi doganali tagħhom mas-sistema internazzjonali eTIR skont l-ispeċifikazzjonijiet eTIR.

2. Kull Parti Kontraenti hija ħielsa li tistabbilixxi sa liema data hija tgħaqqad is-sistemi doganali tagħha mas-sistema internazzjonali eTIR. Id-data tal-konnessjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Partijiet Kontraenti l-oħra kollha marbuta bl-Anness 11 mill-inqas sitt xhur qabel id-data effettiva tal-konnessjoni.

Nota ta' Spjegazzjoni għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 3

11.3.2 Il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 huma rrakkomandati li jkollhom is-sistema doganali nazzjonali tagħhom aġġornata u li l-konnessjoni tagħha mas-sistema internazzjonali eTIR tiġi żgurata malli l-Anness 11 jidħol fis-seħħ għalihom. L-unjonijiet doganali jew ekonomiċi jistgħu jiddeċiedu f'data aktar tard, u b'hekk ikollhom żmien biex jgħaqqdu s-sistemi doganali nazzjonali tal-Istati Membri kollha tagħhom mas-sistema internazzjonali TIR.

Artikolu 4
Kompożizzjoni, funzjonijiet u regoli ta' proċedura tal-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni

1. Il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 għandhom ikunu membri tal-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni. Is-sessjonijiet tiegħu għandhom jitlaqqgħu f'intervalli regolari jew fuq talba tal-Kumitat Amministrattiv, kif meħtieġ għaż-żamma tal-ispeċifikazzjonijiet eTIR. Il-Kumitat Amministrattiv għandu jiġi infurmat regolarment dwar l-attivitajiet u l-kunsiderazzjonijiet tal-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni.

2. Il-Partijiet Kontraenti li m'aċċettawx l-Anness 11 kif previst f'paragrafu 1 tal-Artikolu 60 bis u r-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali

jistgħu jattendu sessjonijiet tal-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni bħala osservaturi.

3. Il-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni għandu jimmonitorja l-aspetti tekniċi u funzjonali tal-implimentazzjoni tal-proċedura eTIR, kif ukoll jikkoordina u jrawwem l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tiegħu.

4. Il-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni għandu, fl-ewwel sessjoni tiegħu, jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jissottomettihom lill-Kumitat Amministrattiv għall-approvazzjoni mill-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11.

Artikolu 5
Proċeduri ta' adozzjoni u ta' emenda għall-ispeċifikazzjonijiet eTIR

Il-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni għandu:

(a) jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-proċedura eTIR, u l-emendi għalihom, biex jiġi żgurat l-allinjament tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tal-proċedura eTIR. Fiż-żmien tal-adozzjoni, huwa għandu jiddeċiedi dwar il-perjodu tranżitorju xieraq għall-implimentazzjoni tagħhom.

(b) iħejji l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali tal-proċedura eTIR, u l-emendi għaliha, biex jiġi żgurat l-allinjament tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet kunċettwali tal-proċedura eTIR. Huma għandhom jiġu trażmessi lill-Kumitat Amministrattiv għall-adozzjoni mill-maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 preżenti u li jivvutaw, kif ukoll jiġu implimentati u, meta meħtieġ, jiġu żviluppati fi speċifikazzjonijiet tekniċi f'data li trid tiġi determinata fiż-żmien tal-adozzjoni.

(c) jikkunsidra emendi għall-ispeċifikazzjonijiet kunċettwali tal-proċedura eTIR jekk ikun mitlub mill-Kumitat Amministrattiv. L-ispeċifikazzjonijiet kunċettwali tal-proċedura eTIR, u l-emendi għaliha, għandhom jiġu adottati minn maġġoranza tal-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 preżenti u li jivvutaw, kif ukoll jiġu implimentati u, meta meħtieġ, jiġu żviluppati fi speċifikazzjoni funzjonali f'data li għandha tiġi determinata fi żmien l-adozzjoni.

Artikolu 6
Sottomissjoni ta' *data* TIR bil-quddiem u *data* dwar emendi bil-quddiem

1. Id-*data* TIR bil-quddiem u d-*data* dwar emendi bil-quddiem għandhom jiġu ppreżentati mid-detentur, jew mir-rappreżentant tiegħu jew tagħha, lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq u tal-pajjiż li fih tkun qiegħda tintalab emenda għad-*data* tad-dikjarazzjoni. Ladarba d-dikjarazzjoni, jew l-emenda, tkun ġiet aċċettata b'konformità mal-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu d-*data* tad-dikjarazzjoni, jew l-emenda tagħha, lis-sistema internazzjonali eTIR.

2. Id-*data* TIR bil-quddiem u d-*data* dwar emendi bil-quddiem imsemmija f'paragrafu 1 jistgħu jiġu ppreżentati jew direttament lill-awtoritajiet kompetenti jew permezz tas-sistema internazzjonali eTIR.

3. Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 għandhom jaċċettaw is-sottomissjoni tad-*data* TIR bil-quddiem u tad-*data* dwar emendi bil-quddiem permezz tas-sistema internazzjonali eTIR.

Nota ta' Spjegazzjoni għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 6

11.6.3 Il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 huma rrakkomandati li jirrikonoxxu, kemm jista' jkun, is-sottomissjoni tad-*data* TIR bil-quddiem u tad-*data* dwar emendi bil-quddiem permezz tal-metodi indikati fl-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw il-lista tal-mezzi elettroniċi kollha li bihom tista' tiġi ppreżentata d-dejta TIR bil-quddiem u d-*data* dwar emendi bil-quddiem.

Artikolu 7
Awtentifikazzjoni tad-detentur

1. Waqt li jaċċettaw id-dikjarazzjoni fil-pajjiż tat-tluq jew emenda tad-*data* tad-dikjarazzjoni fi kwalunkwe pajjiż tul l-itinerarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtentikaw id-*data* TIR bil-quddiem, jew id-*data* dwar emendi bil-quddiem, u d-detentur, f'konformità mal-liġi nazzjonali.

2. Il-Partijiet Kontraenti marbuta bl-Anness 11 għandhom jaċċettaw l-awtentikazzjoni tad-detentur imwettqa mis-sistema internazzjonali eTIR.

Nota ta' Spjegazzjoni għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 7

11.7.2 Is-sistema internazzjonali eTIR tiżgura, permezz ta' mezzi deskritti fl-ispeċifikazzjonijiet eTIR, l-integrità tad-*data* TIR bil-quddiem, jew tad-dejta dwar emendi bil-quddiem, u li d-dejta ntbagħtet mid-detentur.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw lista ta' mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni minbarra dawk speċifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jistgħu jintużaw għall-awtentikazzjoni.

4. Il-Partijiet Kontraenti marbutin bl-Anness 11 għandhom jaċċettaw id-*data* tad-dikjarazzjoni li jirċievu mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq u tal-pajjiż li fih tintalab emenda għad-*data* tad-dikjarazzjoni permezz tas-sistema internazzjonali eTIR bħala l-ekwivalenti legali għal Carnet TIR aċċettat.

Nota ta' Spjegazzjoni għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 7

11.7.4 Is-sistema internazzjonali TIR tiżgura, permezz ta' mezzi deskritti fl-ispeċifikazzjonijiet eTIR, l-integrità tad-*data* tad-dikjarazzjoni u li d-*data* ntbagħtet mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi involuti fit-trasport.

Artikolu 8
Rikonoxximent reċiproku tal-awtentikazzjoni tad-detentur

L-awtentikazzjoni tad-detentur imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti marbutin bl-Anness 11 li jaċċettaw id-dikjarazzjoni, jew it-tibdil fid-*data* tad-dikjarazzjoni, għandha tiġi rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti sussegwenti kollha marbutin bl-Anness 11 matul it-trasport TIR.

Nota ta' spjegazzjoni għall-Artikolu 8

11.8 Is-sistema internazzjonali eTIR tiżgura, permezz ta' mezzi deskritti fl-ispeċifikazzjonijiet eTIR, l-integrità tad-*data* tad-dikjarazzjoni, inkluża r-referenza għad-detentur, awtentikata mill-awtoritajiet kompetenti li jaċċettaw id-dikjarazzjoni, irċevuta mill-awtoritajiet kompetenti u trażmessa lilhom.

Artikolu 9
Rekwiżiti addizzjonali tad-*data*

1. Minbarra d-*data* speċifikata fl-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu *data* addizzjonali stipulata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, kemm jista' jkun, jillimitaw ir-rekwiżiti tad-*data* għal dawk li jinsabu fl-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi u għandhom jagħmlu ħilithom biex jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' *data* addizzjonali sabiex ma jfixklux it-trasport TIR imwettaq skont dan l-Anness.

Article 10
Proċedura alternattiva

1. Fejn il-proċedura eTIR ma tistax tinbeda għal raġunijiet tekniċi fl-uffiċċju doganali tat-tluq, id-detentur tal-Carnet TIR jista' jerġa' lura għall-proċedura TIR.

2. Fejn proċedura eTIR tkun bdiet iżda l-kontinwazzjoni tagħha tkun imfixkla għal raġunijiet tekniċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw id-dokument u l-proċess ta' akkumpanjament li jkun konformi mal-proċedura deskritta fl-ispeċifikazzjonijiet eTIR, soġġetti għad-disponibbiltà ta' informazzjoni addizzjonali minn sistemi elettroniċi alternattivi kif deskritt fl-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti huma intitolati wkoll li jitolbu lill-assoċjazzjonijiet garanti nazzjonali jikkonfermaw li l-garanzija hija valida, li trasport TIR jitwettaq skont il-proċedura eTIR, u jipprovdu informazzjoni oħra rilevanti għat-trasport TIR.

4. Il-proċedura deskritta f'paragrafu 3 għandha tiġi stabbilita fil-ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-assoċjazzjoni garanti nazzjonali, kif stipulat f'paragrafu 1 (d) tal-Parti I tal-Anness 9.

Artikolu 11
Ospitar tas-sistema internazzjonali eTIR

1. Is-sistema internazzjonali eTIR għandha tkun ospitata u amministrata taħt l-awspiċi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (KEE) tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Il-KEE għandha tassisti lill-pajjiżi biex jgħaqqdu s-sistemi doganali tagħhom mas-sistema internazzjonali eTIR, inkluż permezz ta' testijiet ta' konformità biex ikun żgurat it-tħaddim kif suppost tagħhom qabel il-konnessjoni operazzjonali.

3. Ir-riżorsi meħtieġa għandhom ikunu disponibbli għall-KEE sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi stabbiliti f'paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Sakemm is-sistema internazzjonali eTIR ma tkunx iffinanzjata minn riżorsi mill-baġit regolari tan-Nazzjonijiet Uniti, ir-riżorsi meħtieġa għandhom ikunu soġġetti għar-regoli u r-regolamenti finanzjarji għall-fondi extrabaġitarji u għall-proġetti tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-mekkaniżmu ta' finanzjament għat-tħaddim tas-sistema internazzjonali eTIR fil-KEE għandu jiġi deċiż u approvat mill-Kumitat Amministrattiv.

Nota ta' Spjegazzjoni għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 11

11.11.3 Jekk ikun meħtieġ, il-Partijiet Kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jiffinanzjaw l-ispejjeż operazzjonali tas-sistema internazzjonali eTIR permezz ta' ammont għal kull trasport TIR. F'każijiet bħal dawn, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiddeċiedu dwar iż-żmien xieraq biex jiġu introdotti mekkaniżmi alternattivi ta' finanzjament u dwar il-modalitajiet tagħhom. Il-baġit meħtieġ għandu jitħejja mill-KEE, rivedut mill-Korp Tekniku ta' Implimentazzjoni u approvat mill-Kumitat Amministrattiv.

Artikolu 12
Amministrazzjoni tas-sistema internazzjonali eTIR

1. Il-KEE għandha tagħmel l-arranġamenti xierqa għall-ħżin u l-arkivjar tad-*data* fis-sistema internazzjonali eTIR għal perjodu minimu ta' 10 snin.

2. Id-*data* kollha maħżuna fis-sistema internazzjonali eTIR tista' tintuża mill-KEE f'isem il-korpi kompetenti ta' din il-Konvenzjoni għall-iskop ta' estrazzjoni ta' statistika aggregata.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti li fit-territorju tagħhom jitwettaq trasport TIR skont il-proċedura eTIR, li jsir is-suġġett ta' proċeduri amministrattivi jew legali rigward l-obbligu ta' ħlas tal-persuna jew persuni direttament responsabbli jew tal-assoċjazzjoni garanti nazzjonali, jistgħu jitolbu lill-KEE u jiksbu informazzjoni maħżuna fis-sistema internazzjonali eTIR li jappartjeni għat-talba fit-tilwima għal finijiet ta' verifika. Din l-informazzjoni tista' tingħata bħala evidenza fi proċeduri nazzjonali amministrattivi jew legali.

4. F'każijiet oħra minbarra dawk speċifikati f'dan l-Artikolu, it-tixrid jew id-divulgazzjoni ta' informazzjoni maħżuna fis-sistema internazzjonali eTIR lil persuni jew entitajiet mhux awtorizzati għandhom ikunu pprojbiti.

Artikolu 13
Pubblikazzjoni tal-uffiċċji doganali li jistgħu jimmaniġġaw eTIR

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-lista ta' uffiċċji doganali tat-tluq, ta' uffiċċji doganali waqt ir-rotta u ta' uffiċċji doganali tad-destinazzjoni approvata għat-twettiq ta' operazzjonijiet TIR skont il-proċedura eTIR, tkun f'kull ħin preċiża u aġġornata fil-bażi tad-*data* elettronika għal uffiċċji doganali approvati, żviluppata u miżmuma mill-Bord Eżekuttiv TIR.

Artikolu 14
Rekwiżiti legali għas-sottomissjoni tad-*data* skont l-Anness 10 tal-Konvenzjoni TIR

Ir-rekwiżiti legali għas-sottomissjoni tad-*data*, kif stipulati f'paragrafi 1, 3 u 4 tal-Anness 10 ta' din il-Konvenzjoni, jitqiesu li ġew issodisfati bl-implimentazzjoni tal-proċedura eTIR.